Tagħmlu sewwa jekk intom li smajtuni, tfissru l-fehma tagħkom ukoll, u tqabbluhom ma' tiegħi. Wasalt biex nagħlaq din it-taħdita, u ħa nagħlaq mhux kollox bi kliemi, imma wkoll b'espressjoni tas-sentiment ta' l-awtur tal-*MIKLEM*, Erin Serracino-Inglott, li sa jżommlu ismu ħaj fl-istorja tal-lessikografija Maltija. F'din it-taħdita għidt dak kollu li ħassejt li kelli ngħid. Lilkom li smajtuni, ngħidilkom biex tagħdruni fejn ma qbiltux miegħi u j'Alla l-ġid.

3 ta' Marzu, 1976.

* * *

## TAGĦRIFA

**Għandna l-pjaċir inħabbru lill-qarrejja kollha li wara l-għadd li jmiss se jkun hemm ĦARĠA SPEĊJALI oħra din id-darba b'ġieħ**

**ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI**
**Missier il-Letteratura Maltija**

**li m'ilux fakkarna l-50 anniversarju minn mewtu.**

**Inħeġġu lill-qarrejja biex jiżguraw ruħhom minn din il-ħarġa speċjali billi jaraw li jkunu regulari fil-ħlas jew fit-tiġdid ta' l-abbonament tagħhom. Inħeġġuhom ukoll li jagħmlu ħilithom kollha ħalli jsibu abbonati ġodda sabiex insaħħu l-organu ta' l-Akkademja tal-Malti li qiegħda tant tħabrek għall-Ilsien għażiż tagħna.**

**Kull ħlas u korrispondenza dwaru għandhom jintbagħtu lill-amministratur is-sur Pawlu Mifsud, 24, Triq il-Ferrovija, B'Kara (Tel. 40733).**

# II

## Fehmti dwar xi problemi fl-Ortografija tal-Malti

**Taħdita magħmula minn Erin Serracino-Inglott fl-Università l-qadima tal-Belt Valletta, nhar l-Erbgħa, 19 ta' Mejju, 1976, bis-sensja ta' l-AKKADEMJA TAL-MALTI, bħala tweġiba għal taħdita li saret fl-istess post mill-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., (Lond), F.R. A.S.**

Wara t-taħdita li għamel hawnhekk il-professur Ġużè Aquilina f'Ras ir-Randan 3 ta' Marzu li għadda, fejn tana l-fehmiet għarfa tiegħu dwar l-ortografija tal-Malti fis-sena li aħna fiha, u fost l-oħrajn sab ukoll xi jgħid dwar xi rqaqat ortografiċi li qed ninqeda bihom jien fil-volumi li ħerġin ta '*Il-Miklem*' tiegħi, kif weghidtkom dakinhar stess wara li spiċċa hu, ninsab hawn quddiemkom, bis-sensja ta' l-Akkademja tal-Malti jien ukoll, biex f dawn il-jiem ta' ferħ (bejn il-Karnival u nhar Lapsi, l-gnid ta' Tlugħ is-Sema) mhux, le, nippretendi li ntalla' l-ilsien Malti fis-sema (kif kieku minn qalbi kont nixtieq) imma biss biex, bit-tweġiba meqjusa tiegħi għal dak li qal hu, nagħmel ħilti kollha biex niċċara s-sħab ikreh li nġama', minn xi żmien 'l hawn, fis-sema ta' lsienna, l-aktar dwar il-mod kif qiegħed jinkiteb.

Aħna l-Maltin ninsabu lkoll f'dgħajsa waħda, maħduma bl-akbar sengħa minn għuda b'saħħitha li felħet għaż-żmien, iżda żgħira; u lkoll flimkien, kull wieħed minna bil-moqdief tiegħu f'idejh, qed naqdfu f'dan il-baħar Mediterran, imqalleb mill-mewġ ta' għadd ta ilsna (romanzi u semitiċi, Ewropej, neo-Latini, Għarbi ta' l-Afrika ta' Fuq: bèrberu, marokkin, ta' l-Andalużija, sirjan, sejħulhom li tridu), li min-nhom ilsienna ddakkar u ssawwar kif nafuh il-lum. U ġmielu dan il-sienna, aktar ma jimraħ bogħod mix-xtut ta' gżiritna u aktar ma jersaq lejh il-mewġ minn ibħra oħra aktar imbiegħda mill-Mediterran, aktar qiegħed jiżżewwaq u jinġila, b'mod ftit u xejn bla rażan. U jekk aħna l-qaddiefa ma noħdux ħsieb naqdfu għalenija, b'rieda u fehma sħaħ u waħdiena tabilħaqq, biex dan it-tidkir u tiżwiq u tiswir ma jagħlibniex, mhux biss ma nkunux nifilħu nżommu fil-wiċċ, iżda jista' wkoll jiġri li jkollna nerħulha, lil din id-dgħajsa għażiża tagħna, tibqa' tibbalija mal-mewġ, sa ma tegħreq bina b'kollox. U dan, naf sgur, ħadd minna ma jridu li jiġri!

Għalhekk it-taħdita ta' Ras ir-Randan ta' ħabibi Ġużè Aquilina. Għalhekk ukoll din it-tweġiba tiegħi tal-lum. Tweġiba u tagħrifa, li rrid nagħmel bl-akbar sedqa għall-ġid ta' lsienna, fl-interess tagħna lkoll. Nixtieq għalhekk li kulma se' ngħid jittieħed bl-ispirtu ta' rieda